**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta' Lulju 2021**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**TARQUIN VELLA**

Kump Nru 478/2012

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Tarquin Vella detentur tal-karta tal-identita 405690M,** gie akkuzat;

1. Talli f'April 2011 f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamel qlieh ta' 1521.00 Euro, ghad-detriment ta' Paul Zahra ID 99660M u/jew Bank of Valletta plc ai termini tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u;

2. talli f' April 2011, f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq partijiet disposizzjonijet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u;

3. Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih inniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

4. Talli ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u;

5. Talli huwa recediv skond l-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u aktar talli wettaq reat fil-perjodu operattiva ta sentenza sospiza skond sentenza moghtija minn Magistrat Dr. S. Demicoli fis-27 ta' Mejju 2010.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju 2012 li jinsab a folio 7;

Qieset id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, inter alia, l-imputat rega ikkonferma l-ammissjoni li huwa kien ghamel fl-udjenza ta' l-20 ta' Settembru 2016 u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet sottomissjonijiet dwar is-sanzjoni applikabbli;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta` sanzjoni l-Qorti qieset fuq kollox mhux biss l-ammissjoni ta` l-imputat izda wkoll il-fatt li hu hallas lura dak kollu li kien dovut.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, wara li rat l-artikoli 17, 31, 18, 308, 309, 310, 183, 188, 187 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lill-imputat Tarquin Vella, fuq ammissoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` disgha (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza**

**ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn (2) mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija;**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil Tarquin Vella, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur